## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 07/2019

**12 t' April 2019**

THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@kamratalperiti.org
WEBSITE. www.kamratalperiti.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

## Kamra tal-Periti

## Il-Kamra tal-Periti tippreżenta viżjoni għar-regolamentazzjoni tal-bini u l-kostruzzjoni

Il-bieraħ (11 ta' April 2019), membri tal-Kunsill tal-Kamra tal-Periti ppreżentaw il-viżjoni tal-Kamra għal tiġdid fir-regolamenti tal-bini, li huma antikwati kif ukoll mhumiex suffiċjenti sabiex jassiguraw l-aħjar kwalita' fis-settur tal-kostruzzjoni. Din il-viżjoni kienet ippreżentata lill-Onorevoli Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u għas-Suq tal-Proprjeta', rappreżentanti tal-Uffiċċju tar-Regolamentazzjoni tal-Bini (BRO) u tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini (BICC), kif ukoll konsulenti appuntati mill-Gvern sabiex tiġi stabbilita Awtorita' ġdida biex tirregola l-industrija.

Il-Perit Simone Vella Lenicker, President tal-Kamra tal-Periti, spjegat li l-proposti kienu ġew approvati waqt Laqgħa Straordinarja tal-Kamra f'Novembru li għadda, u kkonfermat id-disponibilita' tal-Kamra sabiex tipparteċipa fid-diskussjonijiet rigward it-tfassil ta' regolamenti ġodda tal-bini, kif ukoll l-għarfien tekniku tal-membri tal-Kamra sabiex jiġu assigurati l-għola livelli fis-settur.

Il-Viċi President tal-Kamra, il-Perit Andre Pizzuto ta preżentazzjoni estensiva tal-pożizzjoni tal-Kamra, fejn ukoll ta ħarsa lejn is-sitwazzjoni attwali u l-limitazzjonijiet tagħha. Wara spjega l-proposti tal-Kamra li jinkludu l-konsolidazzjoni ta' diversi regolaturi fi ħdan l-Awtorita' l-ġdida, il-bżonn urġenti li jkollna reġistru ta' kuntratturi, l-importanza ta' regolamenti moderni li mhumiex preskrittivi iżda msejsa fuq standards ta' kwalita' li jridu jintlaħqu, u l-ħtieġa li l-professjonisti involuti fil-proċess tal-kostruzzjoni jkomplu jeżerċitaw il-prinċipji ta' *self-regulation*.

Il-proposti tal-Kamra ntlaqgħu b'mod pożittiv, u d-diskussjonijiet ser ikomplu fix-xhur li ġejjin sabiex jkun hemm sinerġija sħiħa bejn il-professjoni u l-konsulenti tal-gvern.

https://kamratalperiti.org/press/